**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 1021/2017 AF**

**Darren Cordina u n-Nutar Dottor Melvin Polidano**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Limited (C-46054)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-atturi Darren Cordina u n-Nutar Dottor Melvin Polidano, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti Darren Cordina huwa s-sid tal-fond li jinsab tnejn u sebgħin (72), fi Triq Sant'Andrija ġewwa Ħal-Lija, f'liema fond huma jabita flimkien mal-esponenti l-ieħor u ċioè n-Nutar Dottor Melvin Polidano.

L-esponenti huma suppliti bis-servizz tal-utilità tad-dawl fl-imsemmi fond.

Is-soċjeta intimatà Automated Revenue Management Services Limited li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni (C-46054) hija s-soċjetà li tibgħat il-kontijiet u tiġbor il-ħlas tal-istess kontijiet b'referenza għall-konsum ta' tali utilità.

L-esponenti Darren Cordina kien irċieva l-kont hawn anness u mmarkat bħala <u>Dokument DC1</u> liema kont kien ikopri talba għall-ħlas għal perjodu bejn is-sebgħa u għorin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) sas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Jirrizulta li l-esponenti kien qiegħed jintalab sabiex iħallas għall-konsum tas-servizz provdut mis-soċjetà intimata b'rata *pro-rata* fuq bażi annwali meta fil-fatt dan ma kellhux isir u dana peress li l-Liġi Sussidjarja 545.01 senjatament l-Ewwel Skeda (Regolament 36) subinċiz tnejn (2), jipprovdi li t-tariffi għas-servizzi għal post residenzjali għandhom ikunu suġġetti għat-tariffa tal-konsum li hu bbażat fuq konsum kumulattiv annwali u li tista' tiġi komputata fuq bazi *pro-rata* u dan skont l-iskaletta li hemm fl-istess skeda; b'dana li trid issir eventwali komputazzjoni li tirrifletti l-konsum attwali annwali u jekk ikun il-kaz rifuzjoni ta' ħlasijiet eċċessivi li jkunu tħallsu mill-konsumatur tul is-sena jew talba għall-ħlas f'kaz li l-konsumatur ikun eċċeda l-konsum tiegħu.

L-esponenti Darren Cordina bħala sid il-fond u l-persuna li kien qiegħed jirċievi l-kontijiet, ipprezenta protest li fih huwa ikkontenda li l-avviz tal-ħlas li huwa irċieva ma jirriflettix dak li tipprovdi l-iskeda fl-imsemmi Avviż Legali nkwantu kif kellu jinħadem l-ammont dovut fuq bazi annwali u lanqas ma tipprovdi għal eventwali rifuzjoni jew talba għall-ħlas f'każ li l-konsum ikun eċċeda t-talba għall-ħlas maħduma bil-*pro-rata*.

Għalkemm imsejjħa sabiex jirrevedu t-tariffa sabiex din tkun tirrifletti l-Avviż Legali, anki bi protest uffiċjali liema protest iġib in-numru 126/2017 u li kien ġie notifikat lil Automated Revenue Management Services Limited nhar it-2 ta' Mejju tas-sena 2017, hawn anness u mmarkat <u>Dokument DC2</u>, is-soċjetà Automated Revenue Management Services Limited baqgħet ma ottempratx ruħha, anzi rrispondiet lura b'mod li lanqas biss jinkwadra f'dak mitlub mill-protestant fl-imsemmi protest.

Sussegwentement ġie pprezentat protest ieħor li jġib in-numru 2567/17 kopja vera ta' liema protest qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala <u>Dokument DC3</u>.

Dan il-metodu ta' komputazzjoni jmur kontra:

i. Leġislazzjoni favur il-konsumaturi u ċioè id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumatur.

ii. Id-Direttiva 2012/27UE dwar l-efficjenza fl-energija u,

iii. Id-Direttiva 2005/29UE dwar prattiċi kummerċjali zleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern.

Inoltre hemm informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-klijenti finali bi kliem ċar u li jinftiehem jew mehmuża mal-kontijiet, kuntratti, transazzjonijiet, u irċevuti tagħhom fl-istazzjonijiet ta' distribuzzjoni u ċioè,

i. il-prezzijiet attwali kurrenti u l-konsum attwali tal-enerġija;

ii. paraguni bejn il-konsum kurrenti ta' enerġija tal-klijent finali mal-konsum għall-istess perjodu fis-sena ta' qabel, preferibbilment f'forma grafika,

liema informazzjoni ma hijiex provduta fil-kontijiet tal-ARMS Ltd ma jipprovdux.

Nonostante l-interpellazzjoni permezz ta' żewġ protesti, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti u kien għalhekk li l-esponenti kellhom jintavolaw din il-kawża għal finijiet u effetti kollha tal-liġi peress li l-kontijiet li qegħdin jirċievu ma humiex jirriflettu l-konsum reali li hemm ġewwa l-imsemmi fond b'mod annwali.

B'konsegwenza ta' dawn il-kontijiet li qegħdin jirċievu l-esponenti, huma ma jistghux igawdu is-sistema ta' *underfloor heating* li hemm installata fir-residenza tagħhom u lanqas ma jistgħu jikkonsmaw is-servizz kif jixtiequ huma; dettalji ta' tali sistema skont id-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala <u>Dokument DC4</u>.

L-esponenti anki ġew mhedda li ser jinqghatalhom il-provvista tad-dawl u kellhom iħallsu il-kont eċċessiv taħt protesta, kopja tal-kont u tac-*cheque* tal-ħlas hawn annessi bħala <u>Dokumenti DC5</u> u <u>Dokument DC6</u>.

Dawn in-nuqqasijiet tas-soċjetà intimata qegħdin jikkawzaw danni nġenti lir-rikorrenti konsistenti f'kontijiet eċċessivi u limitazzjoni fl-użu tas-sistema minnhom installata fir-residenza tagħhom u dana b'detriment għalihom kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-komputazzjonijiet kif magħmulha mis-soċjetà intimata huma in vjolazzjoni u kontra ta' dak li tipprovdi l-Liġi Sussidjarja 545.01 u ċioè leġislazzjoni favur il-konsumaturi u ċioè id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-

Konsumatur u d-Direttiva 2012/27UE dwar l-Efficjenza fl-Energija u 2005/29UE kif trasposta f'Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern.

2. Tordna lis-soċjetà intimata sabiex mil-lum il-quddiem tibda tagħmel il-komputazzjoni tagħha fil-kontijiet tal-konsumatur tali mod li dawn jirriflettu l-Liġi Sussidjara 545.01 u ċioè leġislazzjoni favur il-konsumaturi u ċioè d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur u d-Direttiva 2012/27UE dwar l-Efficjenza fl-Energija u 2005/29UE kif trasposta f'Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern jew il-liġi viġenti minn zmien għall zmien.

3. Tiddikkjara u tiddeciedi illi s-soċjetà konvenuta qegħda tikkawża danni lil-esponenti.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi konsegwenza tal-istess nuqqasijiet tas-soċjetà intimata li tagħmel komputazzjonijiet skont il-liġi jekk hemm bzonn okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

5. Tikkundanna u tordna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lil-attur dawk id-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti,

Bl-ispejjez kontra s-soċjetà intimata li hi minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tas-soċjetà intimata Automated Revenue Management Services Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, l-inkompetenza *rationae materiae* ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu r-revizjoni ta' att amministrattiv da

parti tas-socjetà esponenti hija fil-kompetenza esklussiva ta' Tribunal specjali, u ghal kull buon fini u minghajr pregudizzju ghal dan qed tigi eccepita wkoll id-dekanza ta' sitt (6) xhur ai termini tal-Artikolu 469(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors guramentat huwa null u bla effett in kwantu:

a. Huwa konfuzjonarju u ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-kawza skond kif mehtieg a tenur tal-Artikolu 156(1)(a) u (b) tal-Kap. 12.

b. Ma hux sufficjentement car liema artikoli tad-Direttivi qed issir referenza ghalihom u kif allegatament qed issir xi lezjoni taghhom, tal-Kap. 378 u tal-Ligi Sussidjarja Maltija.

c. Hemm kumulu ta' azzjonijiet differenti u kunfliggenti.

U dan ipoggi lis-socjetà esponenti fl-impossibilità li tiddefendi ruhha adegwatament.

Ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'referenza ghat-tieni talba s-socjetà esponenti teccepixxi:

a. Il-karenza ta' interess guridiku tar-rikorrenti, in kwantu tali talba tolqot il-kontijiet ta' kulhadd, u mhux biss tar-rikorrenti;

b. Tali talba hija improponibbli in kwantu hija talba sabiex ticcernsura jew tirregola azzjoni ipotetika futura tas-socjetà eccipjenti.

Ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet huma improponibbli u ghandhom ikunu michuda in kwantu qed jinvokaw direttament id-Direttivi tal-UE.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu ma hux minnu li hemm xi ksur ta' ligi u, jew direttivi, fil-kontijiet mahruga mill-eccipjenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas ta' danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tkun michuda billi fil-kaz *de quo* ma jezistux ir-rekwiziti legali u fattwali sabiex tigi sostnuta tali talba, u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ma soffrewx danni.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri, partikolarment dawk li jistghu jigu invokati wara li jkunu trattati l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-eccipjenti.

Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-atturi tad-19 ta' April 2018 li permezz tagħha rtiraw it-tieni talba tagħhom.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' April 2018, Dr. Stefano Filletti għas-soċjetà intimata rtira t-tielet eċċezzjoni tiegħu fid-dawl tal-fatt illi l-atturi rtiraw it-tieni talba tagħhom.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat is-sentenza preliminari tas-7 ta' Frar 2019 li permezz tagħha ġew miċħuda l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat li l-pern tal-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti llum hija l-interpetazzjoni korretta tat-tieni sub-inċiż tal-Ewwel Skeda (Regolament 36) tar-Regolamenti Fuq il-Provvista tal-Elettriku (Leġislazzjoni Sussidjarja 545.01), minn issa 'l quddiem imsejħa 'Ir-Regolamenti'. Dan is-sub-inċiż jaqra hekk:

> *"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, Servizz għal Post Residenzjali ikun suġġett*

*għat-Tariffa tal-Konsum li ġejja li hija bbażata fuq konsum kumulattiv annwali u li tista' tiġi komputata fuq bażi pro rata:*

*i) Għal kull kWh tal-ewwel 2,000 kWh .................. €0.1047; u*
*ii) Għal kull kWh fuq 4,000 kWh ta' wara .................. €0.1298; u*
*iii) Għal kull kWh fuq 4,000 kWh ta' wara .................. €0.1607; u*
*iv) Għal kull kWh fuq 10,000 kWh ta' wara ................ €0.3420; u*
*v) Għal kull kWh mill-bqija tal-konsum ..................... €0.6076."*

Jirriżulta li s-soċjetà intimata, abbażi ta' deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-Gvern fl-2010, toħroġ sitt kontijiet fis-sena, ossija wieħed kull xahrejn, u tagħmel il-kalkoli tagħha billi taqsam *pro-rata* kull waħda mill-ħames skali li tistabbilixxi t-Tariffa. Fi kliem ieħor, l-ammont ta' *kwh* jew *units* f'kull skala jinqasam ugwalment f'sitta u kull kont jinħadem abbażi ta' sest tal-kwh f'kull skala.

Il-konsumatur konsegwentement jilħaq l-iskala li jmiss u naturalment jibda jħallas skont dik l-iskala ogħla ma kull kont malli jilħaq sest tal-*units* tal-iskala preċedenti. Isegwi għalhekk li jista' jkun illi **<u>tul il-perjodu ta' sena</u>** l-konsumatur ma jkunx ikkonsma biżżejjed *units* biex il-konsum tiegħu jaqa' f'ċertu skala kieku l-konsum jiġi komputat fuq bażi ta' konsum kumulattiv annwali iżda xorta waħda qed jiġi fatturat skont dik l-iskala jekk **<u>f'perjodu ta' xahrejn/kont partikolari</u>** jkun ikkonsma aktar minn sest tal-*units* tal-iskala preċedenti. Fl-aħħar tas-sena ma ssir l-ebda rikonċiljazzjoni.

L-atturi qegħdin għalhekk jitolbu lill-Qorti ssib illi l-mod kif is-soċjetà intimata tagħmel il-komputazzjoni tal-kontijiet ta' konsum ta' elettriku jmur kontra r-Regolamenti nfushom. Huma jikwotaw ukoll direttivi tal-Unjoni Ewropea. Qed jitolbu wkoll likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Da parti tagħha, l-intimata tiċħad l-allegazzjonijiet tal-atturi.

Qabel jiġi trattat il-mertu, l-Qorti tqis illi l-intimata għandha raġun teċċepixxi li l-atturi ma jistgħux jinvokaw direttivi tal-Unjoni Ewropea għaliex dawn mhumiex direttament enforzabbli la darba mhux kontestat illi d-direttivi in kwistjoni ġew implimentati u trasportati fil-liġi ta' Malta. Kif osservat proprju din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Vodafone Malta Limited et vs L-Avukat Ġenerali et, tas-27 ta' Novembru 2008:

> *"F'dan is-sens, il-gurisprudenza Ewropeja pronuncjat ruhha diversi drabi (Ara kaz "Van Duyn" li saret referenza ghalih iktar 'il fuq u l-kaz "Ratti" – Kaz 148/78, [1979] ECR 1629) fejn inghad illi fil-kaz ta' Direttivi, sabiex jigi determinat l-effett dirett o meno taghhom, wiehed ghandu jhares lejn id-data entru liema d-Direttiva kellha tigi implimentata fl-Istati Membri. Jidher car illi wara d-data illi fiha Direttiva ghandha tigi implimentata mill-Istat Membru, anke jekk din ma tkunx giet implimentata, jibda jkollha effett dirett u ghalhekk tista' tigi invokata mill-individwi quddiem il-Qrati nazzjonali. Fil-kaz in ezami, id-Direttiva 2002/20/EC fil-fatt giet trasposta fil-ligi Maltija kif inghad iktar 'il fuq u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju dwar l-effett dirett o meno ta' din id-Direttiva. Jinghad illi anke, jekk kellu jkun hemm nuqqas ta' effett dirett tad-Direttiva in kwistjoni, din il-Qorti, hija taht obbligu skond il-Kostituzzjoni illi taghmel kwalunkwe interpretazzjoni fid-dawl tal-ligi Komunitarja u ghalhekk in ogni kaz, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tad-Direttiva u dan in linea mal-principju ta' l-effett indirett (doctrine of indirect effect) ukoll zviluppata mill-Qrati Ewropej (Ara "Von Colson and Kamann v. Land NordrheinWestfalen" – Kaz. 14/83, [1984] ECR 1891))."*

Fil-każ tal-lum il-Qorti ser tagħmel riferenza għar-Regolamenti lokali li implimentaw id-direttivi rilevanti li għalihom jagħmlu riferenza l-atturi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi fehmu li t-Tariffa tal-konsum skont ir-Regolamenti hawn fuq ikkwotata tinħadem fuq bażi ta' konsum kumulattiv annwali u ghalhekk kienu nstallaw sistema ta' *underfloor heating* għaliex kien minghalihom li ser jonfqu tant f'konsum.

L-Inġinir Frederick Azzopardi, direttur fil-bord tas-soċjetà intimata li kien ukoll Kap Uffiċjali Eżekuttiv ta' Enemalta plc xehed li s-soċjetà intimata ġiet maħluqa fl-2009 għal fini ta' ħruġ ta' kontijiet u ġbir ta' ħlasijiet għas-servizzi ta' dawl u ilma lill-konsumaturi. Spjega li l-intimata m'għandha l-ebda setgħat amministrattivi sabiex tbiddel jew tvarja kontijiet u/jew tieħu deċiżjonijiet dwar dawk il-kontijiet u meta tqum xi kwistjoni din tirreferiha lill-Enemalta plc jew lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma skont il-każ.

Jirriżulta li fl-2014 konsumatur ressaq quddiem ir-Regolatur[1] ilment bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti llum. F'dak il-każ, ir-Regolatur kien sab illi l-mod kif kienet qed taħdem il-kontijiet l-intimata kien korrett u skont il-liġi.

Jidher illi meta l-atturi fil-każ tal-lum bdew jilmentaw mal-intimata dwar il-mod kif kienet qed tikkalkula l-kontijiet, l-Inġinier Azzopardi offrielhom somma flus sabiex il-kwistjoni tieqaf hemm. Madanakollu, l-atturi m'aċċettawx u pproċedew b'din il-kawża.

Stabbilit dan kollu, il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti f'din il-kawża u kif ukoll id-disposizjonijiet rilevanti tar-Regolamenti u ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-atturi għandhom raġun jgħidu li l-intimata qiegħda tmur kontra r-Regolamenti meta qed toħroġ kontijiet fuq bażi *pro-rata* biss mingħajr ma tqis ukoll il-konsum kumulattiv annwali.

L-intimata targumenta li għandha dritt illi toħroġ kontijiet perjodikament u dan anke kif ikkonfermat mil-liġijiet tal-Unjoni Ewropea iżda donnha l-intimata qed tagħmel ta' bir-ruħha li mhux tifhem l-argument tal-atturi.

Dan l-argument hu, fi ftit kliem, li la t-Tariffa tistabbilixxi konsum kumulattiv annwali, anke jekk l-intimata tagħżel li taqsam l-iskali *pro-rata*, kif mhux kontestat illi għandha dritt illi tagħmel, fl-aħħar mill-aħħar il-kont xorta jrid jiġi fatturat skont il-konsum kumulattiv annwali.

---

[1] Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u tal-Ilma (REWS) li qabel kien l-Awtorita` ta' Malta għar-Riżorsi (MRA)

Il-fatt illi l-liġi ma tipprovdix għal xi tip ta' rikonċiljazzjoni fl-aħħar tas-sena ma jfissirx illi dan m'għandux jew ma jistax isir jekk huwa l-uniku mod biex fl-aħħar mill-aħħar il-konsumaturi jkunu qed iħallsu għal konsum kumulattiv annwali kif iridu r-Regolamenti.

Jekk wieħed iħares lejn il-kliem tat-test Ingliż, insibu li l-leġislatur uża l-kelma '*billed*' fejn fit-test Malti għażel il-kelma 'komputata'. It-test Ingliż huwa għalhekk aktar ċar. Il-kontijiet jistgħu joħorġu kull xahrejn u t-Tariffa tista' tiġi maħduma *pro-rata* għal finijiet tal-perjodu li jkopri dak il-kont iżda xorta waħda fl-aħħar mill-aħħar il-konsum irid jittieħed fuq bażi kumulattiv annwali.

Mhux hekk biss iżda l-interpretazzjoni tal-intimata jista' jwassal għal nuqqas ta' trasparenza fil-mod illi jiġi komputat il-konsum in kwantu li l-intimata, jew min jieħu d-deċiżjonijiet, jista' xi darba jiddeċiedi li joħroġ aktar jew inqas kontijiet f'sena jew joħroġ numru differenti ta' kontijiet għal konsumaturi differenti u naturalment il-komputazzjoni *pro-rata* tvarja wkoll b'mod illi l-konsumatur ma jista' qatt ikollu serħan tal-moħħ dwar kif ser jiġi komputat il-konsum tiegħu. Il-Qorti ma tqisx li din qatt kienet l-intenzjoni tal-legizlatur.

Proprju dwar dan il-punt, il-Qorti tagħmel riferenza għar-Regolament 4(4) tar-Regolamenti dwar l-Elettriku (Leġislazzjoni Sussidjarja 545.34 li jaqra hekk:

> *"Interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku għandhom:*
>
> *(b) ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, non diskriminatorji u verifikabbli;"*

Ir-Regolament 7(4) imbagħad jiddisponi hekk:

> *"Il-fornituri għandhom jipprovdu lill-klijenti finali informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli u dwar termini u l-kondizzjonijiet standard, fir-rigward tal-aċċess għal ul-użu tas-servizzi tal-elettriku."*

Il-Qorti tqis ukoll li l-atturi għandhom raġun meta fis-sottomissjonijiet tagħhom jgħidu li l-intimata qed tikser ukoll id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija (Liġi Sussidjarja 545.33) fejn jitkellmu dwar '*informazzjoni kollha xierqa*' li għandha tkun disponibbli mal-kont sabiex il-konsumatur ikun ipprovdut b'kont komprensiv ta' nefqa kurrenti tal-enerġija. L-istess Regolamenti jiddisponu li '*il-kontijiet għandhom isiru fuq il-bażi tal-konsum proprju tal-inqas darba fis-sena u l-informazzjoni fil-kontijiet għandha tkun disponibbli tal-inqas kull tlett xhur…*'

Għandu jingħad ukoll illi filwaqt li jista' jkun li huwa minnu li ma kienitx l-intimata li ħadet id-deċiżjoni li l-kontijiet għandhom jinħadmu *pro-rata*, imma wara kollox mhux kontestat illi hija l-intimata li toħroġ il-kontijiet in kwistjoni u kienet hi ukoll li f'dan il-każ spiccat tħallset żejjed mingħand l-atturi.

Finalment u in linea ta' danni, l-intimata għandha tirrevedi l-kont bin-numru 4110 0004 5122 minn dakinhar tan-notifika tal-ewwel protest ġudizzjaru u fejn l-atturi kkonsmaw inqas abbażi tal-*konsum kumulattiv annwali* skont it-Tariffa stipulata fir-Regolamenti, hija għandha tirrifondi l-ammont imħallas żejjed lill-atturi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba in kwantu li din ġiet irtirata fil-mori tal-kawża;

3. Għal finijiet tat-tielet, r-raba' u l-ħames talba tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tirrevedi l-kont 4110 0004 5122 f'isem l-attur Darren Cordina u tirrifondih l-ammont kollu li huwa ħallas żejjed minħabba l-fatt illi l-kontijiet qed jinħadmu *pro-rata* u mhux abbażi ta' *konsum kumulattiv annwali* u dan b'lura mit-2 ta' Mejju 2017 u ċioè minn dakinhar illi ġie notifikat lis-soċjetà intimata l-ewwel protest ġudizzjarju tal-attur.

L-ispejjeż tal-kawża jithallsu mis-soċjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG